Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:1052/99

Avukat Dottor Michael
Tanti Dougall ghan-nom u in
rapprezentanza tas-socjeta'
Telecell Limited.

Vs

Sarah Louise Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin tnejn u erbghin centezmi (Lm408.42) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghal-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-26 ta' Novembru 1996 sas-16 ta' Dicembru 1997, oltre l-imghax fuq l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta' Jannar 1998 u tal-ittra ufficjali ta' Jannar 1998 u bl-imghax legali.

Il-konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni; ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erbgha mija u tminn liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm408.42c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg